11 ta' Novembru 2016
103/2016

## 319-IL PERSUNA JIGGRADWAW MILL-ISTITUT TA' FORMAZZJONI PASTORALI

### DIRETTUR ĠDID GĦALL-ISTITUT TA' FORMAZZJONI PASTORALI

319-il persuna temmew b'suċċess wieħed minn 10 korsijiet li ġew offruti matul l-aħħar sena akkademika mill-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali flimkien ma' entitajiet oħra tal-Knisja f'Malta. Iċ-ċerimonja annwali tal-gradwazzjoni saret nhar it-Tlieta 8 ta' Novembru 2016, fil-Knisja ta' San Duminku, ir-Rabat, u tmexxiet mill-Vigarju Ġenerali Mons. Joe Galea Curmi. Iċ-ċerimonja bdiet b'Quddiesa ta' ringrazzjament, u wara saret il-preżentazzjoni taċ-ċertifikati.

Il-korsijiet li temmew il-parteċipanti kienu tar-raba', il-ħames u s-sitt livell tal-*Malta Qualifications Framework* (MQF) u tal-*European Qualifications Framework* (EQF), fl-oqsma tal-Familja, it-Tagħlim Soċjali tal-Knisja, it-Teoloġija, l-Ispiritwalità Franġiskana, l-Evanġelizzazjoni, il-Liturġija, il-ħidma mal-Adoloxxenti u ż-Żgħażagħ, l-istudji fl-Ispiritwalità Karmelitana u l-istudju tal-Bibbja.

Matul iċ-ċerimonja ta' gradwazzjoni tħabbar li l-Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar lil Dun Jimmy Bonnici bħala direttur ġdid tal-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali.

Dun Jimmy Bonnici twieled fil-25 ta' Mejju 1972. Hu ġie ordnat saċerdot fis-26 ta' Ġunju 1998. L-ewwel ħidma pastorali tiegħu kienet fil-Parroċċa tal-Imġarr u bħala Direttur tal-Prepadewtiċi (persuni li jkunu qed jitħejjew biex jidħlu s-Seminarju Maġġuri) fis-Seminarju tal-Arċisqof. Fl-2004 kiseb Dottorat fit-Teoloġija Spiritwali mill-Università Gregorjana f'Ruma. Meta rritorna Malta Dun Jimmy inħatar Direttur tal-Prepadewtiċi fis-Seminarju Maġġuri u beda joffri servizz pastorali fiż-żona ta' Mlit, il-Mosta. Kien ukoll is-Segretarju tal-Kunsill Presbiterali u s-Segretarju tal-Kummissjoni għas-saċerdoti żgħażagħ. Bejn l-2005 u l-2016 kien Direttur Spiritwali tal-Iskola Sekondarja ta' San Andrea. F'Jannar 2007 inħatar Rettur tas-Seminarju fejn ilu jservi għal dawn l-aħħar disa' snin. Huwa ser jaqdi r-rwol ġdid tiegħu bħala Direttur tal-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali minn April tas-sena d-dieħla.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

L-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali din is-sena beda l-ħdax-il sena ta' ħidma, u din kienet l-għaxar ċerimonja ta' gradwazzjoni. L-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali twaqqaf fl-2005 biex iwieġeb għas-sejħa li ħarġet mis-Sinodu Djoċesan li joffri formazzjoni lill-Insara għall-ħtiġijiet reali tas-soċjetà, u joffri formazzjoni lil dawk il-persuni li jħossu l-bżonn li jimpenjaw ruħhom b'mod attiv fil-fidi tagħhom.

Fis-sena akkademika preżenti, l-Istitut u diversi entitajiet formattivi oħra fil-Knisja qed joffru tlettax-il kors differenti li minnhom il-*Higher Education Award in Ecumenism* jibda l-ġimgħa id-dieħla. Għal dawn il-korsijiet qed jattendu 180 parteċipant. L-informazzjoni dwar il-korsijiet kollha tista' titniżżel mill-*website* www.maltapfi.org. Wieħed jista' jċempel ukoll fuq 22039513.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**